# REGOLAMENTI

## REGATTA NAZZJONALI

## REGATTA ta'JUM il-HELSIEN
## 31 ta'Marzu 2018
**(7 t'April 2018)**

L- Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor flimkien ma' SportMalta javżaw li r-Regatta Nazzjonali ta'8 ta'Settembru u Marzu 2018 se tiġi organizzata mill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor (dak kollu li għandu x'jaqsam ma' tiġrijiet u kwistjonijiet oħra tekniċi) u minn SportMalta (minn naħa loġistika u l-ħlas kollu tal-ispejjeż u premjijiet) fil-Port il-Kbir ta' Malta skont ir-regolamenti li ġejjin bl-ewwel tiġrija tibda

## L-EWWEL TAQSIMA - PREAMBOLU

### 1.1 Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dawn ir-Regolamenti, l-kliem u l-frażijiet li jidhru fihom huma kif imfissra hawn taħt:

a) "Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor" hija l-Assoċjazzjoni Nazzjonali (federazzjoni) Maltija tal-isport tal-qdif, l-organu li tiġbor fiha l-Klabbs kollha affiljati, u li jistgħu jieħdu sehem fir-Regatta;
b) "SportMalta" huwa l-organu uffiċjali li qed jiffinanzja u jipprovdi l-infrastruttura għar-Regatta, inkluż il-premjijiet;
c) "Kummissjoni Regatta" huwa grupp ta' persuni appuntati mill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor biex jieħdu ħsieb l-organiżazzjoni u l-andament tat-tiġrijiet tar-Regatta, liema grupp ta' persuni għal din ir-Regatta se jkun il-Kunsill tal-Assoċjazzjoni. Din il-Kummissjoni għanda taħtar "Technical Board" kif deskritt fir-regolamenti biex jassistuha dak in-nhar tar-Regatta;
d) "L-Organizzazzjoni" hi Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor (dak kollu li għandu x'jaqsam ma' tiġrijiet u kwistjonijiet oħra tekniċi) u SportMalta (minn naħa loġistika u l-ħlas kollu tal-ispejjeż u premjijiet);
e) "Kap tal-Ġurija" huwa/hija l-persuna nkarigata mill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor biex twettaq u tara li jiġu osservati r-regolamenti tar-Regatta, **kif ukoll hija l-inuka persuna inkarigata li tikkontrolla l-andament tat-tigrijiet mit-tluq sal-qbid.** Id-deċiżjoni tiegħu/tagħha hija finali f'kull kaz.
f) "Ġurija" huma l-persuni maħtura bħala l-membri tal-ġurija (*judges*) mill-Kummissjoni Regatta;
g) '*Water AssistantJudges*' huma membri tal-ġurija li jkunu fuq id-dgħajes u/jew laneċ matul it-tlielaq u li xogholhom u li jassistu lil li Starter fit-tluq ta' kull tigrija, u waqt il-kors tat-tigrija permezz tal-loudhailers iwasslu d-decizjonijiet li jkunu qed jircievu minghand ic-chief judge lill-qaddiefa. Min wara li jsehh it-tluq, sa t-tmiem ta kull tigrija, huwa biss ic-chief judge li ghandu l-poter li jaghti kull forma ta struzzjoni lill-qaddiefa, u kif ukoll li jiskwalifika xi opra jew opri.
h) Starter' hija dik il-persuna inkarigata sabiex tindika t-tluq ta' kull tiġrija;
i) It-tiġrijiet kollha tar-Regatta huma maqsuma f'żewg Kategoriji:-
    a. dik ewlenija magħrufa bħala Kategorija 'A'; u
    b. kategorija oħra magħrufa bħala Kategorija 'B'
j) "Klabb" huwa għaqda affiljata fl-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor;
k) "Dgħajsa" hija l-istruttura tal-injam biss, immarkata bil-kuluri tal-Klabb li tirrappreżenta, flimkien mal-imqadef skont kif indikat mit-tiġrija partikulari;
l) "Qaddief" huwa l-persuna li tkun f'dgħajsa u li tieħu sehem fir-Regatta f'isem il-klabb li miegħu tkun reġistrata;
m) "Opra" hija magħmula minn grupp ta' qaddiefa flimkien mad-dgħajsa, reġistrati f'isem il-klabb biex jieħdu sehem fit-tiġrijiet tar-Regatta.

## 1.2 Programm

1.2.1 It-tiġrijiet li għandhom isiru huma kif imniżżla fit-tabella t'hawn taħt li tindika l-kategorija u l-punti li jingħataw lill-ewwel tliet opri klassifikati:

| | Kategorija A | Kategorija B |
|---|---|---|
| **L-Ewwel Tiġrija** | | **Dgħajes Ċ Tal-Pass**.<br>l-ewwel: 20 punt;<br>it-tieni: 12-il punt;<br>it-tielet: 6 punti |
| **It-Tieni Tiġrija** | **Dgħajes A Tal-Midalji**.<br>l-ewwel: 20 punt;<br>it-tieni: 12-il punt;<br>it-tielet: 6 punti | |
| **It-Tielet Tiġrija:** | | **Kajjikki**<br>l-ewwel: 12-il punt;<br>it-tieni: 8 punti;<br>it-tielet: 4 punti |
| **Ir-Raba' Tiġrija:** | **Frejgatini**<br>l-ewwel: 12-il punt;<br>it-tieni: 8 punti;<br>it-tielet: 4punti | |
| **Il-Ħames Tiġrija:** | | **Dgħajes A Tal-Midalji**<br>l-ewwel: 20 punt;<br>it-tieni: 12-il punt;<br>it-tielet: 6 punti |
| **Is-Sitt Tiġrija:** | **Dgħajes Ċ Tal-Pass**<br>L-ewwel: 20 punt;<br>it-tieni: 12-il punt;<br>it-tielet: 6 punti | |
| **Is-Seba' Tiġrija:** | | **Frejgatini**<br>l-ewwel: 12-il punt;<br>it-tieni: 8 punti;<br>it-tielet: 4 punti |
| **It-Tmien Tiġrija:** | **Kajjikki**<br>l-ewwel: 12-il punt;<br>it-tieni: 8 punti;<br>it-tielet: 4 punti | |
| **Id-Disa' Tiġrija:** | | **Dgħajes B Tal-Pass**<br>l-ewwel: 24 punt;<br>it-tieni: 16-il punt;<br>it-tielet: 8 punti |
| **L-Għaxar Tiġrija:** | **Dgħajes B Tal-Pass**<br>l-ewwel: 24 punt;<br>it-tieni: 16-il punt;<br>it-tielet: 8 punti | |

1.2.2 F'każ li jirriżulta li żewġ dgħajes jaqsmu l-linja finali eżattament flimkien fl-ewwel post, jiġu mgħoddija l-punti allokati għall-ewwel u t-tieni post f'dik it-tiġrija u dawn il-punti jiġu maqsuma ndaqs bejn l-istess dgħajes. Id-dgħajsa li tkun daħlet fit-tielet post tibqa'żżomm il-punti tagħha.

Din l-istess proċedura tintuża f'każ li żewġ dgħajes jew aktar jispiċċaw kemm fl-ewwel post u anki fit-tieni post. F'każ li żewġ dghajes, jew aktar, jispiċċaw fit-tielet post, dawn jaqsmu il-punti allokati għat-tielet pożizzjoni.

## 1.3 Reġistrazzjonijiet

1.3.1 Ir-reġistrazzjoni minn klabb biex jieħu sehem fir-Regatta għandha ssir fuq formola apposta li tinkiseb mingħand ir-Reġistratur tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor li għandha tinkludi:

(a) Il-lista tat-tiġrijiet li se jieħdu sehem fihom u l-ismijiet u n-numri tad-dgħajjes li se jipparteċipaw bihom f'kull tiġrija kif stipulat f'Regolament 1.3.2;

(b) L-ismijiet tad-delegati [u guests] kif stipulat f'Regolament 1.3.3;

(c) L-ismijiet tal-Qaddiefa kif stipulat fit-Taqsima li jmiss (It-Tieni Taqsima).

Fir-reġistrazzjoni jridu jiġu mħarsa d-deċiżjonijiet kollha li jkunu ttieħdu qabel ir-Regatta:

- mill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor;
- mill-Bord tad-Dixxiplina/Bord ta' l-Appell mwaqqaf apposta;
- minn xi entita' Nazzjonali kompetenti oħra li skond il-ligijiet ta' Malta, l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor toqgħod għad-deċiżjonijiet tagħha.

Din ir-reġistrazzjoni għandha l-ewwel tasal għand l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor, sa mhux aktar tard minn għaxar (10) ġranet qabel l-istess Regatta, jigifieri, għal din ir-Regatta sa nhar il-Erbgha 28 ta'Marzu 2018.

1.3.2 Id-Dgħajjes u r-reġistrazzjoni tagħhom

(i) Kull Club għandu jiddikjara fil-formola ta' reġistrazzjoni l-ismijiet u n-numri tad-dgħajjes li se jipparteċipaw bihom fit-tiġrijiet tar-Regatta. Kull klabb jista' jagħmel sostituzzjoni ta' dgħajsa reġistrata għal xi tiġrija, basta t-tali dgħajsa tkun konformi mar-regolamenti stabbiliti u l-klabb jimla' formola apposta u jippreżentaha lir-Reġistratur tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor jew id-delegat tiegħu sa mhux aktar tard minn 5 minuti qabel it-tiġrija konċernata.

(ii) Dgħajsa ma titħallix tieħu sehem f'tiġrija jekk ma tkunx reġistrata ma' klabb li jkun affiljat mal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor u jekk ma tkunx rappreżentata minn delegat akkreditat appositament għal dan l-iskop mill-klabb tiegħu.

(iii) Il-Klabbs li jieħdu sehem fir-Regatta għandhom jagħmlu dan billi l-opri li jieħdu sehem bihom ikunu konformi mal-qies u l-użin stabbilit, kif jidher fil-lista ta' qisien

uffiċjali li tinkiseb mill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor.Kull klabb irid iwaħħal, mal-pruwa ta' kull dgħajsa, is-sinjal ta' kif ikun reġistrat u approvat mill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor. Tali sinjal irid ikun ta' l-inqas 30 ċentimetru twil kif ukoll 30 ċentimetru wiesgħa.

(iv) Klabb li jikkompeti fir-Regatta jista jdaħħal l-istess opra fit-Taqsima 'B' Tal-Pass b'erba' mqadef fit-tiġrija ta' l-opra u fit-Taqsima 'Ċ' Tal-Pass b'żewġ imqadef.

(v) Ebda klabb ma' jista' jdaħħal iżjed minn opra waħda għal kull tiġrija.

(vi) Biex klabb jitħalla jirreġistra opra fil-Kategorija 'B' mhux bilfors ikun irreġistra opra fl-istess taqsima fil-Kategorija 'A'.

1.3.3 Lista ta' Delegati u Guests: Kull klabb li jkun se jirreġistra biex jieħu sehem fir-Regatta għandu jissottometti lista ta' massimu ta' GĦOXRIN (20) delegat/rappreżentant/guests għall-approvazzjoni mingħand l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor. Kull rappreżentant/delegat/guest ta' klabb irid ikun approvat mill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor. F'dan ir-rigward, il-klabb irid jissottometti l-isem u n-numru tal-karta tal-identita`, sabiex tinħareġ, 'identification tag' lil persuna rappreżentant/delegat/guest tal-klabb li trid tintlibes il-ħin kollu mill-istess persuna, dan sabiex il-persuna ikollu aċċess liberu fiz-zona assenjata matul ir-Regatta biex ikun jista' jaqdi d-dmir mistenni minnu matul ir-Regatta. Kull regolament imsemmi hawn huwa wkoll applikabbli ghal kull membru ta xi kumitat kif ukoll kull delegate/rapprezentat/guest tal-klabbs. Hija r-responsabilta' tal-Klabb rispettiv illi jassigura illi kull persuna nnomminata bħala delegat/rappreżentant/guest iġib ruħu kif suppost.

1.3.4 Huwa permess illi Klabb jaghmel użu mill-istess dgħajsa jew qaddief f'żewġ tiġrijiet wara xulxin iżda jkun xieraq illi l-organizzazjoni tkun inġibditilha l-attenzjoni dwar dan min qabel.

## IT-TIENI TAQSIMA - IL-QADDIEFA U R-REĠISTRAZZJONI TAGĦHOM

2.1 Il-qaddiefa li jieħdu sehem fir-Regatta għandhom ikunu reġistrati ma' Klabb li huwa affiljat mal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor u r-reġistrazzjoni tiegħu bħala qaddief trid tkun irreġisrata wkoll mal-istess Assoċazzjoni.

2.2 Il-qaddiefa li jkunu skwalifikati:

- mill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor; jew
- mill-Bord tad-Dixxiplina ; jew
- minn xi entita' Nazzjonali kompetenti oħra li skont il-ligijiet ta' Malta, l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor trid toqgħod għad-deċiżjonijiet tagħha.

ma jitħallewx jieħdu sehem fit-tiġrijiet. Qaddief li jkun immultat minħabba xi nuqqasijiet kif jidher f'dawn ir-regolamenti għandu jibqa' skwalifikat sakemm dawn il-multi jitħallsu.

2.3 Mar-Reġistrazzjoni imsemmija f'Regolamemt 1.3, is-Segretarju ta' kull klabb għandu jagħti l-lineup tal-qaddiefa, jiġifieri lista bl-ismijiet tal-qaddiefa li se jieħdu sehem fit-tiġrijiet tar-Regatta, lill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor li minn naħa tagħha, wara li tapprovaha, għanda d-dritt tagħmilha pubblika.

2.4 Ma' din il-lista għandhom jiġu ndikati wkoll l-qaddiefa sostituti li jkunu jistgħu jieħdu sehem fir-Regatta f'każ ta' bżonn li jsir xi tibdil fil-lineup.

2.5 F'każijiet eċċezzjonali, klabb jista' jitlob li jbiddel xi qaddief jew qaddiefa, anke wara dan iż-żmien, ma qaddiefa oħra li ma jkunux inklużi fil-line up, basta t-tali qaddief jew qaddiefa jkunu konformi mar-regolamenti.

2.6 Fir-rigward kemm tal-qaddiefa kif ukoll tas-sostituti, kull klabb għandu bilfors jipprovdi:

(a) l-ismijiet tal-qaddiefa u s-sostituti li se jieħdu sehem fir-Regatta;
(b) in-numru tal-karta tal-identità ta' kull qaddief, u sostitut, li se jieħu sehem fir-Regatta;
(c) ritratt (passport size) ta' kull qaddief u sostitut li se jieħu sehem fir-Regatta. (Din mhux se tkun tassattiva f'din ir-Regatta)

2.7 F'kas li xi klabb ikun se jagħmel użu minn xi qaddief sostitut f'xi tiġrija, dan l-istess klabb irid jimla' l-formola tas-sostituzzjoni fejn jindika l-isem tal-qaddief li se jiġi mibdul kif ukoll l-isem tal-qaddief li se jieħu postu. Din il-formola għandha tiġi ppreżentata lir-Reġistratur tal-Għaqda, jew lil dik il-persuna li tkun qed tassistih jew tissostitwih, u dan, wara li jara li t-tali sostituzjonijiet ma kisru l-ebda regolamenti, jgħaddiha lill-Kap tal-Ġurija sabiex dan ikun jista jinforma lill-ġurati konċernati sa ħames (5) minuti qabel il-bidu tat-tiġrija.

2.8 Qaddief ma jistax jieħu sehem f'aktar minn tlett (3) tiġrijiet fir-Regatta.

2.9 Qaddiefa li twieldu wara l-1 ta Jannar 1995, kif ukoll qaddiefa li sa l-gurnata tat-tigrija jkunu qabzu l-eta ta 45 sena, jistaw jaqdfu fiz zewg kategoriji basta jkun osservat regolament 2.8. Qaddiefa li fil gurnata tat-tigrija jkunu ghalqu l-eta ta 40 sena izda ma jkunux ghalqu l-eta ta 45 sena jistaw jaghzlu li jaqdfu fiz zewg kategoriji **imma jkunu jistaw jippartecipaw biss f'tigrija wahda f'kull kategorija.**

2.10 F'tiġrijiet numru 4 u 7 (Frejgatini), it-tmunier irid jilbes 'life jacket' li trid tkun għall-qies tiegħu. F'każ li t-tmunier ma jkunx liebes 'life jacket' adekwata, l-opra ma titħallix tieħu sehem fit-tiġrija. Il-'life jacket' għandha tintlibes mill-bidu sa tmiem it-tiġrija, inkella dik l-opra tiġi skwalifikata. F'kas li t-tmunier ikun taħt l-eta' ta' 18-il sena, trid timtela formola apposta li tkun maħruġa mill-għaqda' fejn il-ġenituri / tuturi jagħtu l-kunsens tagħhom u jaċċettaw li, għal fini ta dawn ir-

regolamenti, t-tali minuri jkun meqjus bħala qaddief. It-tali minuri m'għandu fl-ebda hin jitħalla waħdu fid-dgħajsa.

2.11 Meta qaddief ma jħossux tajjeb (per eż. injury, ħass ħażin jew xi ħaġa simili) dan għandu jinforma b'mod immedjat li xi membru tal-ġurija u m'għandiex issir pressjoni fuq qaddief li ma jkunx fiżikament tajjeb biex imur għal tiġrija. Il-klabb partikolari għandu d-dritt li jitlob l-opinjoni tat-tabib preżenti biex jinvista lill-qaddief u jivverifika l-istat ta' saħħa tal-istess qaddief. Jekk minħabba xi każ bhal dan jirriżulta li xi klabb ikollu jirtira xi opra minn xi tiġrija, it-tali klabb huwa eżentat minn kwalunkwe passi dixxiplinari kontrih minħabba f'hekk.

## IT-TIELET TAQSIMA: REGOLAMENTI U PROĊEDURI GĦAL WAQT L-ANDAMENT TAT-TIĠRIJIET

3.1 L-opri li sal-ħin tat-tluq tat-tiġrija ma jkunux konformi mal-qies u l-użin stabbilit, kif jidher fil-lista ta' qisien uffiċjali li tinkiseb mill- Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor. ma jitħallewx jieħdu sehem f'dik it-tiġrija. Iżda f'każ li l-ġurija tkun sodisfatta li l-bdil jew nuqqas kien għal kollox aċċidentali u li dan sar mingħajr ebda skop ħażin, l-opra tista' titħalla tieħu sehem. Id-deċiżjoni tal-ġurija hija finali.

3.2 Kull qaddief irid ikun liebes b'mod xieraq, jekk jista' jkun bil-kit uffiċjali tal-klabb, mill-bidu sa tmiem ir-Regatta. L-ebda opra ma titħalla tibda tiġrija jekk, fil-post tat-tluq tat-tiġrija, il-qaddiefa kollha ma jkunux lebsin kif stipulat min dawn ir-regolamenti. Passi dixxiplinarji u multa ta' mhux inqas minn €50 (għal kull qaddief) jittieħdu kontra kull klabb li l-qaddiefa tiegħu ma jkunux lebsin sew.

3.3 Il-ħin tat-tiġrijiet jiġi stabbilit mill-Kummissjoni Regatta. Kull tiġrija, mit-tieni tiġrija 'l quddiem, għanda tibda fil-ħin diterminat miċ-Chief Judge li normalment ikun sa mhux aktar tard minn għoxrin (20) minuta wara li tidħol l-ewwel opra tat-tiġrija preċedenti. Jekk ikun possibli, għandu jitħabbar sinjal tal-*count down* kull 5 minuti minn fuq il-P.A. System.

3.4 Kwalunkwe opra li tkun tiela' fil-korsa tat-tiġrija u jkun jidher ċar, minn naħa tal-ġurija u l-istarter, li din, għal raġuni jew oħra, ma tkunx tista' tasal fil-linja tat-tluq fil-ħin, għandha tiġi avżata biex twarrab mill-korsa. Jittieħdu passi dixxiplinarji jekk din l-istess opra ma ssegwix l-istruzzjonijiet mogħtija. F'dan ir-rigward, il-qaddiefa tal-opra nvoluta jiġu skwalifikati awtomatikament għall-kumplament tat-tiġrijiet kollha f'din l-edizzjoni tar-Regatta. Dan ma jeskludix kemm penalitajiet oħra li jistgħu jingħataw mill-Bord ta' Dixxiplina, kif ukoll multa ta' flus li trid titħallas mill-qaddiefa.

3.5 Meta l-persuna nkarigata biex tassisti fit-tluq tat-tiġrijiet ittella' l-bandiera l-fuq, dan ikun ifisser li l-qaddiefa għandhom ikunu lesti għat-tluq. It-tluq tat-tiġrija jseħħ hekk kif jiġi sparat tir mill-istarter

3.6 Partenza falza tiġi ndikata permezz ta' ħorn li jindaqq kontinwament minn fuq il-lanċa tal-ġurija u/jew mill-iStarter. Il-lanċa tal-ġurija tista' wkoll tmur timblokka l-korsa tat-tiġrija sabiex tikkonferma partenza falza. IL-ĠURIJA INKARIGATA MIT-TLUQ TRID TINDIKA UFFIĊJALMENT MIN KIENET JEW KIENU L-OPRI LI GĦAMLU PARTENZA FALZA.

3.7 Opra li tagħmel żewġ partenzi foloz f'tiġrija waħda tiġi skwalifikata minn dik it-tiġrija.

3.8 Il-qaddiefa għandhom joqogħdu għall-ordnijiet tal-ġurija matul it-tigrijiet kollha. F'każijiet eċċezzjonalment serji kif ukoll kazijiet ta' mgiba hazina kkunsidrata gravi, li għalihom mhux diġa stabbilit f'dan ir-regolament aktar il-quddiem, ic-Chief Judge ghandu l-poter li jiskwalifika kwalunkwe opra jew qaddief\qaddiefa b'mod immedjat, minn kull tiġrija singola partikolari u f'kaz ta' qaddief\qaddiefa mill kumplament tat-tigrijiet tal-gurnata. Kull qaddief\a li jiġu avżati bl-iskwalifika għandhom jobdu l-istruzzjonijiet mogħtija lilhom mill-ġurija

3.9 Min jiġi skwalifikat waqt il-qdif, irid, MINGĦAJR MA JOĦLOQ L-EBDA INKONVENJENT JEW OSTAKLU LIL XI OPRA OĦRA LI TKUN FIL-VIĊINANZA TIEGĦU, jieqaf mill-qdif immedjatament U jwarrab mill-korsija tat-tiġrija, u jkun jista' jerġa' jkompli jaqdef wara li l-opri kollha, kif ukoll il-laneċ tal-ġurija, jkunu qabżu l-imsemmija opra skwalifikata.

F'każ li qaddiefa ta' xi opra jkomplu jaqdfu wara li, fuq ordni tac-Chief Judge, kinu avżati mill-Water Assistant Judges li ġew skwalifikati, mingħajr preġudizzju għal dak li hemm stipulat aktar l-isfel f'reg. nri. (3.11) u ( 3.12) dawn l-istess qaddiefa jiġu immedjatament skwalifikati awtomatikament għall-kumplament tat-tiġrijiet kollha f'dik l-edizzjoni tar-Regatta kif ukoll jiġu skwalifikati milli jieħdu sehem fi kwalunkwe Regatta oħra għall-perjodu ta' (13) tlettax-il xahar minn dik id-data.

Dan ma jeskludix kemm penalitajiet oħra li jistgħu jingħataw mill-Bord ta' Dixxiplina kif ukoll multa ta' flus ta' mhux anqas minn €450 li trid titħallas mill-klabb irrappreżentat minn dik l-opra, liema multa trid titħallas lill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor fi żmien stipulat

3.10 Mit-tluq tat-tiġrija, matul id-distanza kollha tal-korsa u sakemm l-opri jaqsmu l-linja tad-dħul, kull opra għandha żżomm id-distanza neċessarja (kemm minn quddiem, wara u/jew ġenb) minn opri oħra u m'għandhiex ittellef lil, jew tkun ta' ostaklu għal, opri oħra, kif ukoll l-ebda opra ma għandha tgħaddi minn quddiem il-pruwa ta' opri oħra jekk ma jkunx hemm tal- anqas żewġ tulijiet bejn il-poppa tagħha u l-pruwa ta' dawk l-opri li tkun qed taqbeż. Mill-ġemb, bejn dgħajsa w oħra trid tinżamm distanza adekwata bejn l-imqadef ta' żewġ opri liema distanza qatt ma tista tkun ta anqas min 10 piedi. Kull opra li ma tkunx qed tosserva dawn id-distanzi għandha tiġi mwissija mic-Chief Judge biex tirregola l-pozizzjoni tagħha.

F'kwalunkwe hin matul it-tigrija, Ic-Chief Judge ghandu l-poter li jaghti istruzzjonijiet lil xi opra jew opri biex jirregolaw id-direzzjoni taghhom, jekk fl-opinjoni tieghu, id-direzzjoni li jkunu qed jiehdu tkun tista twassalbiex ikun perikolat l-osservazzjoni ta dan ir-regolament. Jekk opra tingħata żewġ twissijiet u xorta tibqa ma tirregolax il-pożizzjoni tagħha, t-tali opra tiġi skwalifikata mmedjatament mit-tiġrija mic-Chief Judge għal dik it-tiġrija partikolari.

Opra tista tiġi skwalifikata anke immedjatament mingħajr twissijiet, minn dik it-tiġrija partikolari jekk l-azzjoni irregolari tagħha tkun tant veloċi u tali li c-Chief Judge iqis li din tista tikkawża ħabta mmedjata.

3.11 Kull opra li tonqos li tħares dan ir-regolament u, b'kaġun ta' dan, tikkawża ħabta ma' opra/i oħra qabel mal-istess opra tkun laħqet ġiet skwalifikata mill-ġurija, l-qaddiefa tagħha jiġu awtomatikament skwalifikati għall-kumplament tat-tiġrijiet kollha f'dik l-edizzjoni tar-Regatta kif

ukoll jiġu skwalifikati milli jieħdu sehem fi kwalunkwe Regatta għal perjodu ta' (13) tlettax-il xahar minn dik id-data.

Dan ma jeskludix kemm penalitajiet oħra li jistgħu jingħataw mill-Bord ta' Dixxiplina kif ukoll multa ta' flus ta' mhux anqas minn €580 li trid titħallas mill-klabb irrapreżentat minn dik l-opra, liema multa trid titħallas lill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor fi żmien stipulat.

3.12 F'każ li qaddiefa ta' xi opra jkomplu jaqdfu wara li jiġu avżati mill-ġurija li ġew skwalifikati u mbagħad jikkaġunaw ħabta ma' opra ta' klabb ieħor, dawn jiġu skwalifikati awtomatikament għall-kumplament tat-tiġrijiet kollha f'dik l-edizzjoni tar-Regatta kif ukoll jiġu skwalifikati milli jieħu sehem fi kwalunkwe Regatta għal perjodu ta' sebgħa u tletin (37) xahar minn dik id-data.

Dan ma jeskludix kemm penalitajiet oħra li jistgħu jingħataw mill-Bord ta' Dixxiplina kif ukoll multa ta' flus ta' mhux anqas minn €700 li trid titħallas mill-klabb irrapreżentat minn dik l-opra, liema multa trid titħallas lill-Għaqda Regatta Nazzjonal Għaqda Regatts Nazzjonali u Qdif Ieħor fi żmien stipulat

3.13 Jekk fl-ewwel mitejn (200) metru tat-tiġrija (sa ħdejn l-aħħar ponta tal-moll tal-catamaran hekk kif indikat b'bandiera) ikun hemm xi opra\i li tikkawża\jikkawżaw ħabta ma' opra\i oħra, it-tiġrija titwaqqaf immedjatament permezz ta' *horn* li jindaqq kontinwament mill-*water judges*. L-istess *water judges* għandhom ukoll imorru jimblukkaw l-korsa tat-tiġrija sabiex jikkonfermaw id-deċiżjoni li titwaqqaf it-tiġrija. IMMEDJATAMENT IC-CHIEF JUDGE IRID JIDDEĊIEDI LIEMA REGOLAMENT IMSEMMI HAWN FUQ (3.11 u 3.12) KIEN MIKSUR U TAPPLIKA L-PIENI STABBILITI FIR-REGOLAMENT LIL DIK JEW DAWK L-OPRI LI JKUNU KKAWZAW IL-ĦABTA. It-tali tiġrija terġa' tibda mill-ġdid mingħajr il-parteċipazzjoni ta' dak/dawk il-klabb\s li l-opra tiegħu\tagħhom ġew skwalifikati.

3.14 L-opra tkun ikkunsidrata li spiċċat it-tiġrija meta l-ewwel parti tagħha tkun laħqet il-linja finali. Qaddief huwa obbligat li jibqa' fuq l-opra tiegħu sakemm l-opra tispiċċa t-tiġrija. F'każ li jkun hemm qaddief jaqbeż il-baħar qabel mal-opra tiegħu tilħaq il-linja finali uffiċjali, l-opra għandha tiġi skwalifikata mmedjatament u passi dixxiplinari jittieħdu kontra l-qaddief/a kif stipulat aktar il-quddiem.

3.15 L-istess opra, ġaladarba spiċċat mit-tiġrija, ma għandhiex toqgħod f'pożizzjoni ta' tfixkil għall-opri l-oħra li jkunu għadhom ma qabżux il-linja finali. Jittieħdu passi dixxiplinarji, barra multi, kontra dawk l-opri li jkunu ġew rrapurtati, u jinstabu ħatja li bi ksur ta' dan ir-regolament ikunu fixklu lil xi opri oħra li jkun għadhom ma qabżux il-linja finali.

3.16 Il-qaddiefa tal-opri rebbieħa tal-ewwel tlett postijiet, kif ukoll dawk li jidħlu fir-raba' post, għandhom, fi tmiem tat-tiġrija, jittrakkaw ħdejn il-kamra tal-*video finish* sakemm jingħataw struzzjonijiet minn uffiċjali tal-Kummissjoni Regatta.

3.17 Dgħajsa tal-pass trid tkun tiżen 182 kilo u l-piż ta' dawn id-dgħajjes li jidħlu fl-ewwel erba' postijijiet irid jiġi vverifikat mill-ġurija mmedjatament wara t-tiġrija. F'każ li jkun se jsir użin tad-dgħajjes, dawn id-dgħajjes GĦALL-EBDA RAĠUNI M'GĦANDHOM JITBIEGĦDU MILL-POST. Dgħajsa li ma tilħaqx l-użin stabbilit jew li tonqos li tmur biex tintiżen tkun skwalifikata immedjatament.

3.18 Fi tmiem ta' kull tiġrija, l-opri kemm jista jkun m'għandhomx jerġgħu lura mir-rotta tat-tiġrija, iżda għandhom jgħaddu fuq in-naħa ta' barra mill-post fejn issir it-tiġrija. F'każ li dan ma jkunx possibbli, l-opri jerġgħu lura skont kif ikun indikat lilhom mill-membri tal-ġurija.

3.19 Mhux permess li qaddief jew uffiċjal jaqbeż il-baħar ħlief f'każ ta' emerġenza (per. eż.. id-dgħajsa tgħeleb) u se jittieħdu passi dixxiplinarji kontra qaddiefa li jaqbżu fil-baħar, li jistgħu jinkludu multa ta' mhux aktar minn €100.

3.20 Oltre dak li hemm f'Regolament 3.13, l-organizzazzjoni għandha s-setgħa li twaqqaf kwalunkwe tiġrija fi kwalunkwe stadju tagħha u tirrepetiha jekk jidrilha li hekk titlob il-ġustizzja u s-sens komun.

## IR-RABA' TAQSIMA – L-ORGANIŻAZZJONI

4.1 L-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor, bħala l-federazzjoni Maltija tal-isport tal-Qdif, hija l-organu li hija kompetenenti biex toħroġ ir-Regolamenti tar-Regatta u li tieħu d-deċiżjonijiet finali dwar kull aspett tat-tiġrijiet tar-Regatta.

4.2 L-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor għadha d-dritt u l-obbligu li taħtar *Technical Board* li jkun kompost minn grupp ta' uffiċjali biex jassistuha billi jissorveljaw fuq l-andament tar-Regatta. Sakemm ma jkunx deċiż b'mod differenti minn qabel ma' tibda r-Regatta, dan il-Bord għandu jkun magħmul minn rappreżentant ta' kull klabb parteċipant fir-Regatta, u ex ufficio mingħajr dritt ta' vot (ħlief *casting vote* bejniethom) mill-President u s-Segretarju tal-Għaqda, jew delegati tagħhom. Ir-rappreżentanti tal-klabbs fuq it-Technical Board iridu jkunu persuni li jattendu ghall-laqgħat ta' l-Għaqda. Dan il-Bord għandu jkun imħabbar ħamest ijiem qabel ma' tibda ir-Regatta. Għal kull persuna nnominata għandu jinħatar ukoll Uffiċjal sostitut. Dan il-Bord ta' Uffiċjali għandu d-dritt jieħu deċiżjonijiet ta' natura straordinarja li jridu bilfors jittieħdu b'mod urġenti inkluż jiddeċiedi jekk issirx jew le tiġrija partikolari u/jew validita ta' xi tiġrija. Tali deċiżżjonijiet għandhom dejjem isiru fuq dak li hemm fir-regolamenti wara li ssir konsultazzjoni mall-ġurija u ma' SportMalta, jekk tali deċiżżjoni jista jkollha implikazzjonijet finanzjarji. Dak li jiddeċiedi dan il-Bord huwa finali.

Meta jiltaqa it-*technical board* ma jrid ikun hemm ħadd ħdejhom.

*Biex jiġi kjarifikat, dawn id-deċiżjonijiet ma jinkludux affarijiet ta' natura ordinarja li huma diġa koperti f'xi parti ta' dawn ir-regolamenti bħal, per eżempju, ħbit ta' dgħajjes jew skwalifikar ta' qaddiefa, iżda biss deċiżjonijiet ta' natura straordinarja bħal per eżempju, mwiet, maltemp qawwi jew xi ħaġa li mhux koperta fir-regolamenti.*

4.3 L-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor għadha d-dritt li taħtar grupp ta' persuni li jissorveljaw li l-korsa tkun armata kif suppost u l-armar kollu, inkluż laneċ tal-ġurija etc. jkunu armati kif suppost. Dan il-grupp ta' persuni jirrapporta' lit-*Technical Board* hawn fuq imsemmi.

4.4 L-assenjament tal-korsiji jiġi stabbilit permezz ta' poloz. <u>It-tlugħ ta' dawn il-poloz jsir sa mhux aktar tard minn kwarta (15-il minuta) qabel it-tiġrijiet partikolari.</u>

4.5 Għandu jkun hemm *video finish* fil-linja tat-tmiem tat-tiġrijiet. Dan għandu jservi bħala għajnuna biex il-ġurija tasal għal xi deċiżjoni f'każ li żewġ opri, jew aktar, jaslu qrib xulxin lejn tmiem it-tiġrija.

4.7 Membri tal-midja jistaw jiġu mistiedna biex ikunu preżenti fuq il-lanċa fejn ikunu d-delegati

4.8 Il-lanċa li jkun hemm fuqha l-ġurija għandha preċedenza assoluta fuq kull lanċa oħra.

4.9 Ħadd, inkluz membri tal-Media, ma jista jieħu rekording tal-awdjo, jew jittrazmetti awdjo min fuq kwalunkwe lanca ufficcjali hlief iċ-Chief Judge jew id-delegati tiegħu.

## IL-ĦAMES TAQSIMA – DOPING U/JEW UŻU TA' SUSTANZI PROJBITI

5.1 Doping u/jew użu ta' sustanzi projbiti m'humiex permessi fir-Regatta. Hija r-responsabbiltà ta' kull parteċipant li jara li ma jieħu l-ebda sustanza projbita. Kull persuna li tieħu sehem fir-Regatta mhix permessa li tieħu sustanzi superfiċjali u dan skont il-lista ta' sustanzi pprojbiti.

5.2 Il-lista ta' sustanzi pprojbiti u l-liġijiet nazzjonali dwar l-Antidoping jistgħu jinkisbu minn www.maltarowing.com/antidoping. Kull qaddief huwa obbligat li jimxi ma' dawn il-liġijiet u regolamenti. Hija r-responsabbilta ta' kull qaddief li jiddetermina jekk kwalunkwe sustanza li qed juża hijiex ipprojbita jew le. Huwa rrakommandat li kull qaddief għandu jieħu parir mingħand tobba jew spiżjara dwar medikazzjonijiet li jkun qed juża jew jikkonsidra li juża.

5.3 L-Għaqda Nazzjoanli Regatta u Qdif Ieħor qed tiddikjara li hija qed taċċetta kull parti mill-leġislazzjoni Maltija dwar Doping u/jew użu ta' sustanzi projbiti u qed tirrikonoxxi il-kompetenza tal-Organiżżazzjoni Nazzjonali ta' Kontra d-Doping (NADO). F'dan ir-rigward, il-qaddiefa huma mfakkra illi skont il-liġijiet ta' Malta (Avviż Legali 17 tal-2015 - Att dwar l-Isport (Kap. 455) - Regolamenti tal-2015 tal-Anti-Doping, ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,365 – 09.01.2015), kull qaddief / atleta reġistrat ma' klabb hu suġġett għall-ittestjar. Qaddief / atleta jista' jiġi ttestjat mill-awtorita' Nazzjonali kompetenti fi KWALUKWE ĦIN u fi KWALUNKWE ĠURNATA, jiġifieri il-qaddiefa reġistrati huma suġġetti għall-testijiet kemm waqt il-perjodu ta' kompetizzjoni u kemm barra l-istaġun tal-kompetizzjoni.

5.4 Għalhekk, kull qaddief huwa avżat li huwa mportanti li meta jingħata mediċina mit-tabib tiegħu, dan għandu jiġi nfurmat li l-qaddief huwa suġġett għall-*doping test*. Mhux kull medicina li tingħata mit-tobba tista' tittieħed mill-atleti. Ċertu mediċini jkunu jeħtieġu permess speċjali mill-Organiżżazzjoni Nazzjonali ta' Kontra d-Doping (NADO). It-tabib għandu jipprova jsib mediċina alternattiva għal dik li hi pprojbita'. Jekk medicina alternattiva ma tinstabx, il-qaddief għandu japplika b'mod immedjat għall-permess mingħand l-Organizzazzjoni Nazzjonali ta' Kontra d-Doping (NADO).

5.5 L-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor qed iżżomm id-dritt ukoll li, waqt kwalunkwe ħin tar-Regatta, hi stess tagħżel numru ta' parteċipanti biex jiġu sottomessi għat-test kontra d-doping. Kull persuna li tirriżulta, permezz tar-riżultat tat-test għad-doping, li użat xi tali sustanzi pprojbiti tiġi rrappurtata lill-Organiżżazzjoni Nazzjonali ta' Kontra d-Doping (NADO) u l-Għaqda Nazzjonali Regatta tirremetti ruħha għad-deċiżżjonijiet ta' din l-awtorita'. Is-suċċess jew nuqqas ta' suċċess ta'

kwalunkwe sustanza pprojbita huwa mmaterjali. Huwa suffiċjenti li xi sustanza pprojbita kienet użata sabiex ikun hemm vjolazzjoni tar-regoli ta' kontra d-doping.

5.6 Kull qaddief irid jaċċetta r-regoli ta' kontra d-doping bħala kundizzjoni biex jipparteċipa fir-Regatta kif ukoll jaċċetta li jimxi mal-istess regoli u joqgħod għal xi test eventwali għad-doping. Jekk qaddief, li ismu jitla' bil-polza (jew kif stabbilit mill-persuni nkarigati mit-test għad-doping), jirrifjuta li joqgħod għall-imsemmi test, dan jiġi skwalifikat b'mod immedjat milli jipparteċipa fi kwalunkwe Regatta għall-perjodu ta' mhux aktar minn erbgħa u għoxrin (24) xahar, jew skont kif tiddetermina' l-Organiżżazzjoni Nazzjonali ta' Kontra d-Doping (NADO).

5.7 F'każ eċċezzjonali fejn xi forma ta' medikazzjoni hija neċessarja b'mod urgenti, il-qaddief irid jippreżenta lill-Kap tal-Ġurija, sa siegħa qabel il-bidu tar-Regatta, rapport/ċertifikat uffiċjali maħruġ minn tabib u li għandu jinkludi, minbarra l-isem sħiħ tat-tabib, it-timbru uffiċjali tal-istess tabib kif ukoll spjegazzjoni ċara ta' liema forma ta' medikazzjoni qed tintuża u r-raġuni ta' dan l-użu. Fl-istess ħin, it-tabib irid jikteb ċar li kien hu li awtorizza l-użu ta' din il-medikazzjoni.

5.8 L-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor żżomm id-dritt li tressaq kwalunkwe każ ta' doping lill-pulizija jew awtoritajiet oħra ċivili għal aktar investigazzjonijiet u/jew passi ulterjuri dixxiplinari.

## IS- SITT TAQSIMA – PREMJIJIET U SUSSIDJI

6.1 Fir-Regatta jingħataw il-premjijiet li ġejjin minn SportMalta:

**Kategorija 'A':**

| | |
|---|---|
| Tiġrija Dgħajjes A Tal-Midalji: | L-Ewwel Premju: €300; it-Tieni: €200; it-Tielet €150 |
| Tiġrija Frejgatini: | L-Ewwel Premju €195; it-Tieni €145; it-Tielet €115 |
| Tiġrija Dgħajjes C Tal-Pass: | L-Ewwel Premju €160, it-Tieni €110, it-Tielet €80 |
| Tiġrija Kajjikki | L-Ewwel Premju €160, it-Tieni €110, it-Tielet €80 |
| Tiġrija Dgħajjes B Tal-Pass | L-Ewwel Premju: €300; it-Tieni: €200; it-Tielet €150 |

**Kategorija 'B':**

| | |
|---|---|
| Tiġrija tad-Dgħajjes C Tal-Pass: | L-Ewwel Premju €140; it-Tieni €95, it-Tielet €70 |
| Tiġrija Dgħajjes A Tal-Midalji: | L-Ewwel Premju: €280; it-Tieni: €185; it-Tielet €140 |
| Tiġrija Frejgatini: | L-Ewwel Premju €175; it-Tieni €130; it-Tielet €105 |
| Tiġrija Kajjikki: | L-Ewwel Premju €140, it-Tieni €95; it-Tielet €70 |
| Tiġrija Dgħajjes B Tal-Pass | L-Ewwel Premju: €280; it-Tieni: €185; it-Tielet €140 |

6.2 Fl-aħħar tar-Regatta, dak il-Klabb li jtella' l-akbar għadd ta' punti fil-Kategorija 'A' tar-Regatta tingħatalu *Shield* mill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor li tinżamm għal sena. L-istess klabb tingħatalu wkoll *trophy* li tinżamm għal dejjem. F'każ li aktar minn klabb wieħed itemm ir-Regatta fl-ewwel post fil-Kategorija 'A', kull wieħed minn dawn il-klabbs tingħatalu *trophy* li tinżamm għal dejjem.

6.3 Fl-aħħar tar-Regatta, dak il-Klabb li jtella' l-akbar għadd ta' punti fil-Kategorija 'B' tar-Regatta tingħatalu *Shield* mill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor li tinżamm għal sena. L-istess klabb tingħatalu wkoll *Trophy* li tinżamm għal dejjem. F'każ li aktar minn klabb wieħed itemm ir-Regatta fl-ewwel post fil-Kategorija 'B', kull wieħed minn dawn il-klabbs tingħatalu *trophy* li tinżamm għal dejjem.

6.4 F'każ li żewg klabbs jew aktar itemmu r-Regatta fl-ewwel post tal-Klassifika Finali bl-istess għadd ta' punti, fi kwalunkwe Kategorija, ix-*Shield* tingħata lill-klabbs kollha li jkunu kisbu l-ogħla għadd ta' punti.

Dawn il-klabbs għandhom iżommu s-*Shield* għal perjodu ugwali ta' żmien. Il-klabb li jżomm l-ewwel ix-*Shield* għandu jiġi stabbilit skont l-għadd tal-ewwel pożizzjonijiet, li l-klabbs direttament interessati fil-kwistjoni, ikunu akkwistaw f'dik il-Kategorija.

F'każ li dan il-kriterju ma jwassalx biex tkun stabbilita l-preċedenza, tingħata mbagħad konsiderazzjoni lill-għadd tat-tieni pożizzjonijiet li l-klabbs ikunu rebħu f'dik il-Kategorija.

F'każ li lanqas dan il-kriterju ma jistabbilixxi liema klabb għandu l-preċedenza, tingħata mbagħad konsiderazzjoni lill-għadd tat-tielet pożizzjonijiet li l-klabbs ikunu rebħu f'dik il-Kategorija.

Jekk lanqas dan il-kriterju ma jwassal biex tkun stabbilita l-preċedenza, l-klabb li jidħol fl-ogħla pożizzjoni fit-tiġrija numru għaxra (10) (fil-każ ta' Kategorija 'A') jew it-tiġrija numru disgħa (9) (fil-każ ta' Kategorija 'B') jkun dak il-Klabb li jibda jżomm ix-*Shield* l-ewwel.

6.5 Minbarra l-premjijiet ta' flus, SportMalta jagħti *trophy* u palju lill-ewwel tlett (3) opri klassifikati f'kull tiġrija u midalja lil kull qaddief ta' dawk il-klabbs li rebħu l-paljijiet.

6.6 Jingħata sussidju ta' €150 minn SportMalta lil kull klabb jekk l-opra li tkun qed tieħu sehem f'ismu tibda u tispiċċa l-istess tiġrija sa massimu ta' tlett (3) minuti wara li tkun daħlet l-opra rebbieħa. F'każijiet eċċezzjonali, l-organizzazzjoni għandha tikkunsidra li jingħata s-sussidju lil xi klabb li jkun beda t-tiġrija imma ma jkunx jista' jasal sal-linja finali minħabba xi ċirkustanzi validi.

6.7 It-*trophies* u l-midalji mirbuħa fir-Regatta jingħataw lir-rebbieħa wara t-tiġrijiet skont kif tiddeċiedi l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor. Fil-każ tax-*Shield*, issir il-preżentazzjoni lir-rebbieħa wara li jispiċċaw t-tiġrijiet kollha fil-Kategorija.

6.8 Kull klabb li jieħu sehem fir-Regatta jingħata plakka kommemorattiva minn SportMalta.

**IS-SEBGĦA TAQSIMA - PANEL TA' *JUDGES* U BORD TAD-DIXXIPLINA**

7.1 L-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor għandha taħtar Panel ta' Ġurija li jkunu jinkludu kemm lill-Kap tal-Ġurija, dawk li jkunu fuq l-iStart, dawk li jsegwu t-tiġrija minn fuq il-lanċa u dawk li jkunu nkarigati mill-*video finish* u l-użin. L-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor qed tirriserva d-dritt illi torganizza tahrig ghall-Judges. F'kas illi xi judge nominat ma' jigix ghat-tahrig minghajr xi raguni valida, l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor zzom id-dritt li ma thallix lil dan l-individwu jagixxi ta'Judge.

7.2 Kull Klabb rispettiv, kif ukoll l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor jistgħu jinnominaw persuni, bħala membri tal-panel tal-ġurija, għall-konsiderazzjoni tal-Għaqda sa mhux aktar minn ħames (5) ġimghat qabel ir-Regatta.

7.3 Hmistax-il ġurnata qabel ir-Regatta, l-Għaqda Regatta Nazzjonali toħroġ lista proviżorja tal-Panel tal-Ġurija u tgħaddiha lil kull klabb rispettiv li jkun se jieħu sehem fir-Regatta. Dawn għandhom 48 siegħa sabiex jgħaddu l-kummenti tagħhom fuq din il-lista proviżorja.

7.4 Il-lista uffiċjali tal-Panel tal-Ġurija tinħareġ mill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor sa mhux aktar tard minn 12-il siegħa qabel il-bidu tar-Regatta pero l-Kap tal-Ġurija u/jew l- Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor tirriserva d-dritt li twettaq kwalunkwe tibdil f'din il-lista f'każ li xi membru tal-ġurija ma jkunx jista' jkun preżenti għar-Regatta jew għal xi raġuni oħra valida.

7.4.a Wara kull regatta, ic-Chief Judge irid jissottometti lill-Ghaqda, rapport bil-miktub dettaljat rigward l-andament tat-tigrijiet u decizjonijiet mehuda. Dan ir-rapport ghandu jinkludi wkoll, jekk ikun il-kaz, xi osservazzjonijiet ta ksur ta regolamenti li ma kienux jaffetwaw immedjatament l-andament tar-regatta, imgieba hazina min xi qaddiefa u/jew kumitati jew membri taghhom, kif ukoll suggerimenti personali tac-chief judge ghal titjieb futur, liema suggerimenti jkunu kkunsidrati mill-Ghaqda. Tali rapport irid jasal ghand l-Ghaqda sa mhux aktar tard min 21 gurnata wara r-regatta.

7.5 Kwalunkwe ksur ta' dawn ir-regolamenti, minbarra dawk ir-regolamenti li fihom jinkorporaw passi dixxiplinari immedjati, għandhom jiġu rrapurtati skont il-proċedura stabbilita f'regolament numru 7.6.

7. 6 L-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor għandha taħtar Bord ta' Dixxiplina, b'rikors għall-Appell, biex jisma' u jiddeċiedi fuq kwalunkwe rapport li jsir wara r-Regatta. Dan il-Bord għandu jiddeċiedi f'każ ta' insubordinazzjoni u tfixkil ieħor minn qaddiefa jew delegati tal-klabbs u dan wara rapport bil-miktub mill- :

- '*judges*'; jew
- xi klabb affiljat fl-Għaqda; jew
- l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor; u / jew

- l-Organizzazzjoni.

Tali rapporti jridu jaslu għand l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor sa mhux aktar tard min ħmistax (15)-il ġurnata wara t-tmiem tar-Regatta. Dan il-Bord ta' Dixxiplina għandu jimxi fuq ir-Regolamenti li tistabilixxi l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor qabel ir-Regatta u għandu s-setgħa li, fost l-oħrajn, jagħti multi. Klabb jew qaddief immultat ma jistax jieħu sehem f'Regatta oħra sakemm ihallas l-multa/multi pendenti jew isir ftehim bejn il-klabb u/jew qaddief u l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor

7.7 L-ebda deċiżjoni meħuda wara li jkun imħabbar uffiċjalment ir-rebbieħ / rebbieħa tax-*Shield* ma għandha taffetwa l-klassifika ġenerali, jew ta' xi tiġrija partikolari, jew premjazzjonijiet u/jew deċiżjonijiet li kienu ġew meħuda waqt ir-Regatta.

7.8 L-Ghaqda u l-membri taghha jiddikjaraw li huma impenjati illi kull attivita' li hija torganizza tkun organizzata fi spritu sportiv u ta' fair play.

F'kas li xi qaddief, atelta, ufficjal ta' Club jew persuna ohra ssir taf , **B'MOD DIRETT**, li saret xi attivita li tmur konta il-fair play (p.ez. li xi persuna tkun giet avvicinata biex isir xi forma ta' ftehim biex xi qaddief, ufficjal jew judge jigi imhajjar li jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga dwar xi regatta jew tellieqa ohra li fih jew dwaru jkollu x' jaqsam; jew; biex xi persuna turi jew tezercita favuri kontra xi persuna jew naha f' xi regatta jew tellieqa ohra; jew; biex jinfluwenza t-tmexxija jew ir-rizultat ta' xi regatta jew tellieqa ohra) ghandu minnufih isir rapport b'mod immedjat u bil-miktub lill-pulizija li kopja tieghu ghanda tkun mghoddija wkoll lill-Ghaqda.

F'kaz li l-informazzjoni tasal b'**MOD INDIRETT,** hija l-persuna li ghandha l-informazzjoni " first hand" li trid taghmel rapport b'mod immedjat u bil-miktub lill-pulizija u li kopja tieghu ghanda tkun mghoddija wkoll lill-Ghaqda.

Jekk tali kopja ta rapport jasal ghand l-Ghaqda jew xi ufficjal taghha qabel jew waqt ir-Regatta, dan ir-rapport ghandu jkun mghoddi lit-Technical Commision u lic-Chief Judge.

**IT-TMIEN TAQSIMA – ĠENERALI**

8.1 SportMalta u l-Għaqda Regatta Nazzjonal, wara li jikkonsultaw ma' xulxin, għandhom id-dritt li jagħmlu reklami f'kull parti tal-korsa.

8.2 Hija responsabbilta' tal-klabb li jassigura li kull qaddief ikun liebes b'mod xieraq u identifikabbli, jekk jista jkun bil-kit uffiċjali tal-Klabb tiegħu. Fuq dan il-kit, jista jkun hemm ismijiet u/jew logos ta' sponsors tal-klabb.

Il-kit uffiċjali ta' kull klabb li jipparteċipa fir-Regatta għandu jinkludi:

- flokk bil-komma twila jew flokk bil-komma qasira jew top tat-tracksuit jew *gilet* jew *tank top vest*, pero il-qaddiefa kollha fuq kull opra jridu jkunu kemm jista jkun uniformi fl-ilbies mill-qadd il-fuq.
- Qalziet jew *shorts* sportiv. Mhux permess li qaddief jilbes biss xi malja tat-tip *brief/speedo* jew qliezet simili inkluż *underwear* ta' kull tip.

Kemm il-kit kif ukoll kull aċċessorju t'ilbies li jintuża mill-qaddiefa, bħall- (imma mhux biss limitati għall-) brieret, *sweatbands, headbands*, eċċ, ma' jistax ikollhom fuqhom messaġġi politiċi, messaġġi offensivi jew xi messaġġi oħra u/jew reklamar li jmur kontra l-*policies* imħaddna mill-Għaqda

Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor jew entitajiet li hija affiljati magħhom (inluż il-SportMalta u l-Kumitat Olimpiku Malti).

8.3 Kull min jirreġistra biex jieħu sehem fir-Regatta, sew jekk klabb, qaddief u/jew delegat ta' klabb, għandu jitqies li jkun aċċetta li jeħles lill-klabb u lill-Ufficjali tiegħu, lill-GħaqdaRegatta Nazzjonali u lill-Uffiċjali u membri tagħha, lill-Gvern u lill-S mir-responsabbiltà għal kull ħsara li tista' ssir lilu nnifsu jew lill-inġenji tiegħu jew li tista' tkun saret fuq ħaddieħor jew fuq inġenji oħra.

8.4 F'każ li r-Regatta, għal xi raġuni bħal-luttu nazzjonali, maltemp jew xi ċirkostanza oħra eċċezjonali, ma tkunx tista' ssir fid-data tagħha propja, r-regolamenti kollha kif imfissra hawn fuq għandhom japplikaw bħal li kieku r-Regatta ssir fil-jum oriġinarjament stabbilit.

8.5 Kull min jirreġistra biex jieħu sehem fir-Regatta għandu joqgħod għall-kundizzjonijiet kollha nkorporati f'dawn ir-Regolamenti, għall-kodici ta' Dixxiplina tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor, u għall-Ligijiet ta' Malta.

8.6 Qaddief, membru tal-kumitat u/jew klabb huwa/huma obbligat/i li jidher/jidhru quddiem il-Bord tad-Dixxiplina jekk ikun imsejjaħ biex jagħmel hekk. F'każ li dan/dawn ma jidhirx/jidhrux meta jiġu msejjħa, dan/dawn għandu/għandhom jiġi/u skwalifikat/i sakemm eventwalment jidher/jidhru quddiem l-istess Bord ta' Dixxplina.

8.7 Dawn ir-regolamenti huma finali u uffiċjali u qed iħassru kull regolament li mhux kompattibbli ma' dawn ir-regolamenti li qatt sar jew ġie ppublikat qabel.

**It-Text ta' dawn ir-regolamenti gie approvat nhar l-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016 u emendat fil-21 ta' Gunju 2016, fis-26 ta' Lulju 2016, fl-20 ta' Marzu 2017, fit-28 ta'Marzu 2018.**